**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur S.Valletta)**
**(Spettur R.Mercieca)**

**-vs-**

**George Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 310878M**

***Kumpilazzjoni Nru. 552/2004***

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Borg u ċioè talli:

a) f'dawn il-Gzejjer nhar 13 ta' Gunju 2004 u xhur ta' qabel ikkometta serq ta' diversi oggetti minn go fond Flat G "Lollies Place" sitwat fi Triq Barbagann, Kappara limiti ta' San Gwann, liema serq hu kwalifikat, bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira maltin, lok u persuna u sar ghad-detriment ta' Guido Whitelaw;

b) Talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tieni imputazzjoni hi alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu li kienet ferm tardiva, tal-fatt li dawn ir-reati ghalkemm jirrisalu ghal 2004, il-procediment penali ma ssoktax minhabba li l-imputat abskonda sa mill-2005, tal-fedina penali tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(d), 263, 267, 268, 269, 278, 279 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**